MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 2471/2002

**Mathew Bonello**

**vs**

**Antonello Cacciatore**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fil-15 ta' Ottubru, 2002, fejn intalab il-hlas ta' hames mija hamsa u ghoxrin lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm525.15) prevja li hu kien, jigifieri l-konvenut, responsabbli wkoll ghad-danni li garrab l-attur meta l-car tieghu numru MAT 156, li kienet parkjata sfat bil-hsara insegwitu ghal habta bejn car LAB 784 misjuqa minn Franco Azzopardi u car EBF 389 misjuqa mill-konvenut, ghal liema ncident Franco Azzopardi assuma responsabbilta' parzjali, u tramite l-assikurazzjoni tieghu rrisarcixxa lill-attur;**

**Qed jintalab ukoll li l-konvenut jigi kkundannat li jhallas lill-attur id-danni fuq imsemmija ammontanti ghal hames mija hamsa u ghoxrin lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm525.15c);**

**Bl-ispejjez, komprizi hamsa u ghoxrin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm25.75) ta' konsult u ittra u bl-imghax minn notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**i. illi t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-eccipjenti mhux responsabbli ghall-incident;**

**ii. illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat;**

**iii. illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti kien kopert polza ta' assikurazzjoni mahruga minn Independent Insurance kif rapprezentata Malta minn Micallef Insurance Agency Limited u ghalhekk l-eccipjenti qieghed jitlob il-kjamata fil-kawza ta' l-istess socjeta' sabiex tirrispondi ghat-talbiet ta' l-attur salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Illi l-konvenut fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2002 ecepixxa ulterjorament l-inkompetenza tat-Tribunal rationae valoris, stante li d-danni sofferti mill-attur jeccedu s-somma ta' elf u hames mitt lira (Lm1,500).**

**Illi fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2002 id-difensur ta' l-attur irrilevat li din il-kawza hi limitata ghal terz tad-danni li sofra l-attur.**

**Illi b'digriet tat-28 ta' Novembru 2002 it-Tribunal wara li sema' lill-partijiet jittrattaw it-talba ghal kjamata fil-kawza ta' Micallef Insurance Agency Limited, peress illi f'dak l-istadju ma jirrizultax li hemm lok ghal kjamat fil-kawza ta' l-istess, cahad it-talba fir-rigward.**

**Sema' ta' PS 1373 John Micallef, Franco Azzopardi u Mathew Bonello.**

**Ikkunsidra:**

**1. illi l-kawza kienet giet differita ghal decizzjoni dwar l-eccezzjoni ta' kompetenza tat-Tribunal rationae valoris.**

**2. illi kif jirrizulta mill-avviz kif prezentat u mill-prospett tad-danni anness, tali talba hija fil-fatt limitata ghall-ammont imsemmi fl-avviz u konsegwentement hija fil-parametri tal-kompetenza ta' dan it-Tribunal.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza rationae valoris sollevata, u jordna l-prosegwiment fil-meritu.**

**Spejjez riservati ghal gudizzju finali.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------